MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Frar, 2017

Rikors Maħluf numru: 298/15LM

**Customs and Freight Agency Limited (C 17475)**

**vs.**

**M.R. Company Limited (C 57803)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Customs and Freight Agency Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjeta' attriċi"), li ġie maħluf minn Kevin Attard, direttur tas-soċjetà attriċi u ppreżentat fis-27 ta' Marzu, 2015, li jaqra kif ġej:

1. *Illi l-kumpannija rikorrenti, li tipprovdi servizzi ta' trasport u ġarr inter alia ta' merkanzija, irrendiet servizzi ta' din ix-xorta lill-kumpannija intimata bejn l-2012 u l-2013;*
2. *Illi għal dawn is-servizzi reżi fuq medda ta' żmien fis-snin fuq imsemmija, il-kumpannija rikorrenti bagħtet diversi fatturi li wħud minnhom ġew imħallsa mill-kumpannija intimata filwaqt li oħrajn, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata Dok CF1, baqgħu pendenti;*
3. *Illi l-bilanċ pendenti dovut mill-kumpannija intimata lill-kumpannija rikorrenti għal dawn is-servizzi, skont il-kotba tal-esponenti, jammonta għal erbatax-il elf, wieħed u tmenin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€14,081.75), kif jidher mid-dokument anness u mmarkat Dok CF2;*
4. *Illi verbalment kien ġie wkoll ikkonfermat bejn il-partijiet li l-ammont fuq imsemmi ta' €14,081.75 kien dak dovut lill-kumpannija rikorrenti għas-servizzi reżi lill-kumpannija intimata;*
5. *Illi l-kumpannija intimata kienet ressqet numru ta' rikjesti rigward danni allegatament sofferti minnha waqt il-ġarr ta' merkanzija mill-kumpannija rikorrenti, liema allegazzjonijiet, għalkemm magħmula diversi drabi, qatt ma ġew sostanzjati permezz ta' provi u/jew claims skont il-polza tal-assikurazzjoni li kienet tkopri l-kumpannija intimata;*
6. *Illi bħala sinjal ta' rieda tajba u sabiex tiġi riżolta l-kwistjoni, il-kumpannija rikorrenti kienet offriet li toħroġ xi credit notes għall-prezz tat-trasport tal-oġġetti rimpjazzati, jekk dan ikun il-każ, dejjem jekk il-kumpannija intimata tkun lesta tħallas il-bilanċ pendenti, iżda din tal-aħħar irrifjutat li tħallas, kif jidher mill-iskambju ta' e-mails bejn il-partijiet anness u mmarkat Dok CF3;*
7. *Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas tal-bilanċ pendenti, inkluż permezz tal-ittra legali tal-4 ta' April, 2014 annessa u mmarkata Dok CF4 u tal-ittra uffiċjali 166A numerata 175/2014 datata 9 ta' Settembru, 2014 annessa u mmarkata Dok CF5, il-kumpannija intimata baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx, anzi rrispondiet l-ittra uffiċjali msemmija permezz ta' nota annessa u mmarkata Dok CF6 billi ċaħdet it-talba rikorrenti bħala infondata fil-fatt u fid-dritt u ddiffidiet lill-istess milli tipproċedi ulterjorment u għalhekk kellha ssir il-kawża odjerna.*

*Għaldaqstant il-kumpannija rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kumpannija intimata hija debitriċi tal-bilanċ pendenti għal servizzi ta' trasport u ġarr ta' merkanzija fl-ammont ta' erbatax-il elf, wieħed u tmenin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€14,081.75), oltre imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-att odjern sad-data tal-pagament effettiv u spejjeż legali;*

2. *Tikkundanna lill-kumpannija intimata għall-ħlas tal-ammont imsemmi ta' €14,081.75 jew somma oħra verjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni, inkluzi dawk tal-proċeduri odjerni, tal-ittra uffiċjali numru 175/2014 u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' dan l-att.*

Rat r-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **M.R. Company Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjeta konvenuta"), maħlufa minn Marcellino Mercieca u ppreżentata fis-26 ta' Mejju, 2015, fejn ġie eċċepit is-segwenti:

1. *Fl-ewwel lok, it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti għandhom jiġu miċħuda u dan peress li partijiet mill-merkanziji kkunsenjati lill-intimati tul perjodu ta' madwar tliet xhur, kellhom danni li għalihom kienet responsabbli l-kumpannija rikorrenti. Dan kollu ġie ammess mir-rikorrenti u jirriżulta wkoll dokumentat.*

2. *Fit-tieni lok, u b'żieda ma' dak premess, il-fatturi maħruġa mir-rikorrenti huma żbaljati, billi dawn qed jitolbu ħlas għal merkanzija b'piż u kubaġġ akbar minn dak trasportat. Dan ukoll huwa komfortat minn dokumenti.*

3. *Fit-tielet lok, l-esponenti offriet lill-intimata sabiex tħallasha dak li hu verament dovut. Il-kumpannija rikorrenti m'aċċettatx il-ħlas. Għalhekk, l-intimata m'għandhiex tħallas l-ebda spejjeż ta' dawn il-proċeduri.*

4. *Fir-raba' lok, it-talbiet tar-rikorrenti huma mill-bqija infondati fil-fatt u fid-dritt, kif se jirriżulta waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors ġuramentat.*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, skont il-ħtieġa, u b'riserva għal kull azzjoni spettanti lill-kumpannija intimata, partikolarment fir-rispett tal-mandat ta' sekwestru*

*mressaq mill-kumpannija rikorrenti li evidentament, intalab b'mod frivolu u vessatorju.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti, illi jinsabu minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti mill-kontendenti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-16 ta' Diċembru, 2016, fejn il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' serviġi reżi lis-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' €14,081.75, liema serviġi jikkonsistu fit-trasport ta' għamara mill-Italja għall-imħażen tas-soċjetà konvenuta (Italia *to door* Malta). Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta, li kellha fabbrika tal-għamara u kienet ukoll timporta għamara mill-Italja, issostni li l-ebda ħlas mhuwa dovut peress li partijiet mill-merkanziji kkonsenjati lis-soċjetà konvenuta kellhom danni li għalihom kienet responsabbli s-soċjetà attriċi. Is-soċjetà konvenuta ssostni wkoll illi l-fatturi maħruġa mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta

huma żbaljati fis-sens illi qegħdin jitolbu ħlas għall-ġar ta' merkanzija b'piż u kubaġġ ogħla minn dak li effettivament ġie ttrasportat.

Illi mill-atti jirriżulta li meta s-soċjetà konvenuta ġiet ippressata mis-soċjetà attriċi biex tħallas l-bilanċ ta' €14,081.75 li skont l-attriċi kien għadu dovut, il-konvenuta riedet biss tħallas biss l-ammont ta' €4,573.52 għax tallega li:

(1) Mis-somma pretiża mis-soċjetà attriċi kellhom jitnaqqsu d-danni allegatament subiti fl-għamara impurtata minnha waqt il-ġarr tagħha mis-soċjetà attriċi li ġiet inkarigata mit-trasport tagħha, u dan fis-somma ta' €6,588.03[1];

(2) Minħabba kalkolu ħażin fil-kubaġġ ta' żewġ invoices partikulari[2] esebiti mal-affidavit ta' Marcellino Mercieca, wieħed mid-diretturi tas-soċjetà konvenuta, li fl-affidavit tiegħu[3] jgħid li skont il-fornitur tal-għamara l-kubaġġ ta' fornitura waħda kienet ta' 6.753CBM u mhux ta' 28.80CBM li tissarraf f'ammont ta' €1,691.01 imħallas żejjed għat-trasport u mhux dovut, u l-kubaġġ ta' fornitura oħra kien ta' 15.12CBM u mhux kif iffatturat ta' 30.54CBM, li kien iffisser ħlas żejjed għat-trasport ta' €1,182.71 u mhux dovut, għal total ta' ħlas żejjed u mhux dovut ta' €2,873.72.

[1] Ara t-tliet dokumenti mmarkati D, E u *F a fol.* 281 sa 283 tal-proċess.
[2] *A fol.* 276 u 278 flimkien mal-kubaġġ tal-għamara skont korrispondenza tal-fornitur a fol. 277 u 279 rispettivament.
[3] *A fol.* 272 u 273.

Għaldaqstant, is-soċjetà konvenuta qiegħda tippretendi li għandha tħallas biss is-somma ta' €4,620.00 u ċjoè l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi bit-tnaqqis kif indikat.

**Provi prodotti mis-soċjetà attriċi**

Illi da parti tas-soċjetà attriċi, id-direttur tagħha **Kevin Attard** xehed[4] illi r-rati tal-kumpannija huma bbażati fuq il-kubaġġ tal-merkanzija li jkunu ser iġorru, liema volum jiddeterminah is-*supplier* li jforni l-merkanzija. Spjega, kif evidenti mill-*invoices* imsemmijin, li hemm polza ta' assigurazzjoni relattiva għal kull traġitt. Ikkonferma wkoll li s-soċjetà konvenuta bdiet tagħmel ħafna ilmenti biss meta ntalab il-ħlas dovut, fosthom ta' danni fl-għamara, però qatt ma għamlet ebda *claim* lill-kumpannija tal-assikurazzjoni li s-soċjetà attriċi kienet tieħu ħsieb tikkuntratta għan-nom l-importatur bi bqil miegħu u kien biss f'okkażjoni waħda li fid-dokument *CMR notice*[5] tniżżel *"box damaged and open"*, iżda xorta ma saret ebda *claim.*

Illi **Yvette Grech**, l-*Operations Manager* tas-soċjetà attriċi xehdet[6], illi hija kienet dejjem tistaqsi lis-soċjetà konvenuta jekk iridux kopertura ta' assigurazzjoni separata (kopertura *all risk*) u mhux biss dik koperta bis-

[4] *A fol.* 44 sa 46, b'dokumenti *a fol.* 47 sa 109 imsemmija fin-nota nru.1.
[5] Din il-formola għandha timtela korrettement bid-dettalji tal-konsenja mill-fornitur u tiġi ffirmata mill-importatur meta jirċievi il-konsenja, f'dan il-każ tramite l-burdnar inkarigat mis-soċjetà attriċi u jżomm kopja l-importatur u jħalli l-kopji l-oħra lill-burdnar, biex jikkonferma li rċieva l-konsenja u l-istat li kienet tinsab fiha l-merkanzija f'każ ta' ħsarat.
[6] L-ewwel affidavit a fol. 115 u l-affidavit ulterjuri a fol. 119 sa 120, b'sett dokumenti a fol. 121 sa 229.

CMR[7]. Ix-xhud Yvette Grech spjegat permezz tad-dokumenti prodotti minnha fejn is-soċjetà konvenuta kienet indikat li riedet kopertura ulterjuri u fejn le.

Illi l-burdnar, **Christopher Grech**[8], xehed dwar il-konsenji li kien jagħmel bit-*trailer* fl-imħażen tas-soċjetà konvenuta u kkonferma illi l-ħatt tal-istess *trailers* kien isir mill-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta. Christopher Grech ikkonferma illi f'okkażjoni waħda biss ġie rilaxxat lilu fuq id-dokument CMR notament ta' ħsara f'*pallett* jew kaxxa waħda.

Illi in kontroeżami **Kevin Attard** xehed[9] li kellu jikkonferma fi stadju ulterjuri jekk il-ħlas għat-trasport mitlub mis-soċjetà attriċi kinitx bir-rata ta' €65 għal kull metru kubu, iżda spjega li l-volum indikat mis-*supplier* bil-*packaging* tiegħu ma jfissirx li jkun l-istess volum li ħa tieħu l-merkanzija fit-*trailer* jew *container.* Iżda dwar dan baqa' ma amplifikax u lanqas ikkontesta r-rata ta' €65. Kevin Attard tenna illi huma koperti biss bic-CMR *cover* sakemm il-klijent (fil-każ odjern is-soċjetà konvenuta) ma tkunx trid "insurance separata abbażi tal-valur għax jien ma nkunx naf kemm jiswa, abbażi tal-valur li jtina l-klijent". Il-*premia* ta' din *full cover insurance* tħallasha s-soċjetà attriċi għan-nom tas-soċjetà konvenuta u wara tiġborha mingħand il-klijent mal-*invoices.* Kevin Attard ikkonferma li ma' kull konsenja huma jagħtu lill-importatur il-polza.

---

[7] *Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road*, li toffri kopertura limitata.
[8] *A fol.* 237 u 238.
[9] *A fol.* 232 sa 236 u 245 sa 246.

Illi fil-kontroeżami u r-rieżami tagħha Yvette Grech[10] reġgħet spjegat is-sistema tal-*insurance.* Fil-kontroeżami tal-burdnar[11], l-istess Christopher Grech ikkonferma li meta jħottu l-għamara, il-klijenti jiffirmawlu s-*CMR form,* iżda l-għamara ma joqogħdux jarmawha quddiemu.

## Provi prodotti mis-soċjetà konvenuta

Illi d-direttur tas-soċjetà konvenuta, **Marcellino Mercieca** xehed[12] li s-soċjetà konvenuta ma kellhiex għalfejn tfittex lis-soċjetà attriċi għad-danni, għax kellhom arranġament ma' Kevin Attard li jagħmlilhom *credit note*. Filwaqt li s-soċjetà attriċi ammettiet li din kienet f'okkażjoni waħda imma mhux relatata ma' dawn il-konsenji[13], fir-Rikors Maħluf tagħha tgħid illi bħala sinjal ta' rieda tajba u sabiex tiġi riżolta l-kwistjoni, is-soċjetà attriċi kienet offriet li toħroġ xi *credit notes* għall-prezz tat-trasport tal-oġġetti rimpjazzati, jekk ikun il-każ, dejjem jekk is-soċjetà konvenuta tkun lesta tħallas il-bilanċ pendenti, iżda din tal-aħħar irrifjutat li tħallas.

Illi x-xhud Macellino Mercieca ammetta li s-soċjetà konvenuta xorta baqgħet tuża s-servizzi tas-soċjetà attriċi minkejja li sofriet ħsarat fil-merkanzija waqt il-ġarr u li issa qiegħed jippretendi li jsir tnaqqis fil-ħlas mitlub mis-soċjetà attriċi għall-ħsarat allegatament sofferti mis-soċjetà konvenuta fil-merkanzija konsenjata lilha u dan fis-somma ta' €6,588.03.

[10] *A fol.* 240 sa 244.
[11] *A fol.* 237 u 238.
[12] *A fol.* 272 sa 275, bid-dokumenti annessi a fol. 276 sa 294.
[13] *A fol.* 233.

Mercieca ppreżenta lista ta' tliet paġni[14] tal-għamara inkwistjoni u bl-spejjeż inkorsi biex ġiet imsewwija, jew li ġiet mibdula b'għamara ġdida jew li ġiet ritornata lura lill-fornituri esteri. Iżda kif effettivament din il-lista ġiet ikkompilata, jekk sarx *survey* indipendenti tal-ħsarat, min sewwa l-għamara danneġġjata, jekk is-soċjetà attriċi ngħatatx prova tal-ħsarat u tax-xogħlijiet ta' tiswija li kienu qegħdin isiru fuq l-għamara danneġġjata, dwar dan kollu ma ngħatat ebda spjegazzjoni mis-soċjetà konvenuta. Meta reġa' xehed, Marcellino Mercieca[15] esebixxa sett ta' ritratti tal-allegati ħsarat fl-għamara.[16]

Illi impjegat tas-soċjetà konvenuta, **Gilbert Pavia** xehed fir-rigward ta' dawn ir-ritratti li kienu ta' konsenja waħda, "il-konsenja kienet taż-żmien tax-*showroom* li nfetħet"[17] u kienet tikkonsisti f'żewġ *containers.* Però impjegat ieħor tas-soċjetà konvenuta **Charles Fenech** jiftakar li kienu ta' *container* wieħed biss.[18]

In kontroeżami Marcellino Mercieca[19] kien vag ħafna bil-mod kif beda jirrispondi dwar il-ħsarat. Però jidher li Mercieca kien effettivament aċċetta li l-għamara tiġi inxurjata u li s-soċjetà konvenuta tħallas l-*insurance cost* li tkun fuq l-*invoice.* Għar-rigward tal-fatt li ma kinux tniżżlu ebda notamenti fuq is-*CMR form* dwar l-allegati ħsarat, ix-xhud jattribwixxi dan għal "forsi nuqqas ta' esperjenza". Għar-rigward tal-burdnar li għall-bidu Mercieca

[14] *A fol.* 281, 282 u 283.
[15] *A fol.* 296 sa 300.
[16] *A fol.* 301 sa 323.
[17] *A fol.* 325.
[18] *A fol.* 327.
[19] *A fol*. 336 sa 343 u 345 sa 348.

jipprova jgħid li ma jafx x'inhu u jirreferi għalih bħala sempliċi *driver*[20]*,* jgħid li xi minn daqqiet dan kien jistenna sakemm iħottu u xi minn daqqiet dan kien jiġi wara għat-*trailer*. Iżda Marcellino Mercieca baqa' ma ta ebda spjegazzjoni plawsibbli għaliex qatt ma saru notamenti fuq is-*CMR form* dwar il-ħsarat, ħlief f'okkażjoni waħda biss li mhijiex mertu ta' din il-kawża. Mercieca ammetta wkoll li xi ħsarat setgħu kienu wkoll ta' xi konsenja li l-ħlas għall-ġar tagħha kien sar u li m'għadux pendenti.

Illi l-kontroeżami tal-impjegati tas-soċjetà konvenuta, Gilbert Pavia u Charles Fenech, it-tnejn kienu pjuttost vagi ta' kemm kienu l-konsenji ta' għamara bil-ħsarat.

Illi għar-rigward tal-kwistjoni dwar il-kubaġġ u d-diskrepanza bejn il-kubaġġ iddikjarat mill-fornitur esteru u l-kubaġġ imniżżel f'żewġ *invoices,* ma sar ebda kontroeżami mis-soċjetà attriċi. Fix-xhieda ta' Marcellino Mercieca[21] effettivament ġiet esebita dokumentazzjoni ċara li turi diskrepanza:

> (a) fir-rigward tal-fattura datata 25 ta' Frar, 2013 għall-ammont ta' €2,359.57[22], liema fattura qed jintalab il-ħlas tagħha f'din il-kawża, fejn hemm differenza fil-kubaġġ iddikjarat mill-fornitur[23] (6.75CBM) u l-kubaġġ indikat fil-fattura (28.80CBM);

[20] *A fol.* 338 u a fol. 338 *retro*.
[21] *A fol.* 272 u 273.
[22] *A fol.* 276 u li tinsab esebita wkoll mar-Rikors Maħluf bħala dok. CF1 a fol. 10.
[23] *A fol.* 277.

(b) fir-rigward tal-fattura datata 4 ta' Frar, 2013 fl-ammont ta' €2,398.98[24], liema fattura wkoll qiegħed jintalab il-ħlas tagħha f'din il-kawża, fil-kubaġġ iddikjarat mill-fornitur kien ta' 15.12CBM[25] u l-kubaġġ indikat fil-fattura kien ta' 30.54CBM.

Illi l-kubaġġ jinħadem bir-rata ta' €65 kull metru kubu, mhuwiex ikkontestat mis-soċjetà attriċi, tant hu hekk Kevin Attard qatt ma kkontesta din ir-rata għad illi kienet ingħatatlu l-opportunità li jivverifikaha. Id-diskrepanza fiż-żewġ fatturi maħduma bi €65 kull metru kwadru, hija rispettivament ta' €1,691.01 u €1,182.71.

## Konsiderazzjonijiet legali

Illi din il-kawża effettivament tiċċentra fuq kwistjoni ta' provi konfliġġenti mressqa mill-partijiet, xi ħaġa sfortunatement komuni f'ħafna kawżi, iżda li tista' tiġi riżolta billi wieħed jara min kien fl-obbligu jġib il-provi biex jissostanzja dak li qiegħed jiġi allegat.

Illi min jallega jrid jipprova jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif jgħid ċar u tond l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ġie ritenut konsistentement fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna.[26]

---

[24] *A fol.* 278 u li tinsab esebita wkoll mar-Rikors Maħluf bħala dok. CF1 a fol. 13.
[25] *A fol.* 279.
[26] **Dr. H. Lenicker vs. J. Camilleri**, Prim'Awla, 31 ta' Mejju 1972; **Peter Paul Aquilina vs. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995 u **Anthony Azzopardi *et.* u Carmel sive Charles Azzopardi nomine vs. Lapsi Holdings Limited**, Prim' Awla, 19 ta' Jannar, 2015.

Illi l-prova tas-servizz tal-ġarr u tat-trasport tal-għamara inkwistjoni, kien jinkombi fuq s-soċjetà attriċi li tagħmel din il-prova, ħaġa li indubbjament għamlet. Peress li s-soċjetà konvenuta kkontestat fuq żewġ binarji l-ammonti reklamati mis-soċjetà attriċi, kemm minħabba allegati ħsarat fl-għamara waqt il-ġarr, kif ukoll minħabba diskrepanzi fil-kalkolu tal-kubaġġ f'żewġ *invoices* partikolari, kien jinkombi fuq is-soċjetà konvenuta li tipprova dawn il-pretensjonijiet tagħha.

Illi għar-rigward tal-allegati ħsarat, is-soċjetà konvenuta ma rnexxilhiex tagħmel din il-prova. Kulma resqet kien kalkolu approssimattiv li sar mid-direttur tas-soċjetà konvenuta u lista li ppreżenta flimkien ma' sett ritratti. Ma ġie ppreżentat bħala prova l-ebda *survey* indipendenti jew tal-inqas *survey* mhux indipendenti. Ma nġabu ebda provi speċifiċi mis-soċjetà konvenuta dwar ħsarat u danni, li dawn ġew ikkaġunati mis-soċjetà attriċi, u lanqas illi s-soċjetà attriċi kienet ingħatat prova tal-ħsarat u tax-xogħlijiet ta' tiswija illi kellhom isiru fuq l-għamara allegatament danneġġjata.

Illi apparti dan, f'każ bħalma huwa dan fejn qegħdin jiġu allegati danni, kien jispetta lis-soċjetà konvenuta li titlob separatament dawn id-danni permezz ta' kontrotalba, fejn tintalab il-likwidazzjoni tagħhom. Fit-trattazzjoni finali l-abbli avukat difensur tas-soċjetà konvenuta, għamel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Marcel Pace Asciaq *noe vs.* Joseph u Salome miżżewġin Camilleri**[27], però din is-sentenza bl-ebda mod mhi ta' konfort

[27] P.A., 28.01.2004.

għas-soċjetà konvenuta. Anzi l-kuntrarju, f'dik il-kawża, il-proċedura li ntużat kien li ġie kkontestat l-ammont pretiż minħabbba xogħol difettuż, iżda kienet proprju saret kontrotalba biex jiġi rranġat ix-xogħol diffetuż.

Illi fir-rigward tal-prova ta' danni li kellha ssir mis-soċjetà konvenuta, din il-Qorti ma ssibx kredibbli l-allegazzjoni ta' ħsarat fil-merkanzija li qiegħed jintalab il-ħlas għall-ġarr u għat-trasport tagħha f'din il-kawża. Kieku tassew kien hemm ħsarat f'din l-għamara, persuna bħar-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta b'esperjenza twila fl-importazzjoni, żgur kien jagħmel *claim* formali għad-danni. Imma minflok għamel *claim* formali għad-danni, ir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta ħa l-liġi b'idejh billi iddeċieda li ma jħallasx somma konsiderevoli ta' flus li kienet dovuta lis-soċjetà attriċi għas-servizzi reżi minnha lis-soċjetà konvenuta, u dan billi allega li kien hemm danni minħabba ħsarat, liema ħsarat però kienu ġew eventwalment imsewwija u l-għamara inkwistjoni ġiet sussegwentement mibjugħa.

Illi r-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta jippretendi li b'sempliċi dikjarazzjoni li saret minnu f'din il-kawża u b'lista kompilata minnu tal-għamara li allegatament ġarbet ħsara, dan għandu jkun biżżejjed biex jissodisfa l-minimu ta' prova rikjest. F'kontrotalba s-soċjetà konvenuta kienet l-ewwel tkun tenuta li tressaq prova tal-ħsarat, prova li llum m'għadhiex eżistenti aktar għax skont s-soċjetà konvenuta dawn il-ħsarat ġew irranġati; kienet issir likwidazzjoni b'mod preċiż tal-ħsarat; kienet issir indaġini u jitressqu provi dwar min kien responsabbli għall-ħsarat u fejn

dawn saru u fejn ġew l-ewwel riskontrati u dan f'kuntest fejn is-soċjetà konvenuta is-*CMR forms* iffirmathom dejjem mingħajr ebda riserva.

Tqis illi għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, ġaladarba s-soċjetà konvenuta effettivament resqet provi dokumentali ċari li juru d-diskrepanza fil-kubaġġ kif ġie spjegat aktar 'il fuq, kien għalhekk jinkombi fuq is-soċjetà attriċi li min-naħa tagħha tispjega tali diskrepanza bi provi u mhux sempliċement asserzjoni fix-xhieda li "l-volum mogħti mis-*supplier* bil-*packaging* tiegħu ma jfissirx li jkun l-istess volum li ħa jieħu fit-*trailer* jew *container*"[28], meta r-rappreżentant tagħha stess fl-affidavit tiegħu spjega li r-rati tagħhom huma bbażati fuq il-kubaġġ tal-merkanzija li jkunu ser iġorru, liema volum jiddeterminah is-*supplier* li jforni l-merkanzija.[29]

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta għar-rigward tad-diskrepanza ta' €2,873.72.

Dwar it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, dawn huma ġeneriċi u/jew assorbiti bl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, u ċjoè li l-ħlas offrut mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi għaldaqstant kien korrett biss inkwantu għat-tnaqqis ta' €2,873.72 iżda mhux fir-rigward tat-tnaqqis tad-danni fl-ammont ta' €6,588.03 u għaldaqstant m'għandux ikollu effett għall-finijiet ta' ħelsien mill-ispejjeż tal-kawża.[30]

[28] Kontroeami ta' Kevin Attard a fol. 232.
[29] *A fol.* 45, it-tielet paragrafu.
[30] Vide ic-*cheque* allegatament offrut lis-soċjetà attriċi, *a fol.* 293 fl-ammont biss ta' €4,573.52.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta;**

2. **Tilqa'** ***in parte*** **t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi għal servizzi ta' trasport u ta' ġarr ta' merkanzija reżi mis-soċjetà attriċi fis-somma ta' ħdax-il elf u mitejn u tmien euro u tliet ċenteżmi (€11,208.03);**

3. **Għaldaqstant tikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tas-somma ta' ħdax-il-elf, mitejn u tmien euro u tliet ċenteżmi (€11,208.03) lis-soċjetà attriċi, bl-imgħax legali mis-27 ta' Marzu, 2015.**

   **Bl-ispejjeż jitħallsu inkwantu għal wieħed minn ħamsa (1/5) mis-soċjetà attriċi u inkwantu għal erbgħa minn ħamsa (4/5) mis-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.